**Parlament Ewropew**
2019-2024

**TESTI ADOTTATI**

# P9_TA(2021)0296

## Tħeġġiġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni u l-karrieri fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-inġinerija u tal-matematika (STEM)

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar it-tħeġġiġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni u l-karrieri fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-inġinerija u tal-matematika (STEM) (2019/2164(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2016 bit-titolu "Aġenda ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa: Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività" (COM(2016)0381),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri għall-2020-2025"(COM(2020)0152),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 bit-titolu "Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza" (COM(2020)0274),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 – Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali" (COM(2020)0624),

– wara li kkunsidra l-istudju tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-10 ta' Awwissu 2017 bit-titolu "Economic benefits of gender equality in the EU: How gender equality in STEM education leads to economic growth",

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Settembru 2015 dwar il-karrieri tan-nisa fix-Xjenza u l-Università u s-soqfa tal-ħġieġ li jiltaqgħu magħhom[1],

[1] ĠU C 316, 22.9.2017, p. 173.

– wara li kkunsidra l-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni tal-politika Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ għall-2020,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2016 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti ta' setgħa lin-nisa fl-era diġitali[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2018 dwar l-emanċipazzjoni tan-nisa u tat-tfajliet permezz tas-settur diġitali[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar tnaqqis tad-disparità bejn il-ġeneri fil-qasam diġitali: il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija diġitali[4],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2018 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, iż-żgħażagħ u d-diġitalizzazzjoni,

– wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Education and employment of women in science, technology and the digital economy, including AI and its influence on gender equality" ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fil-15 ta' April 2020[5],

– wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Women in the Digital Age"[6],

– wara li kkunsidra l-Jum Internazzjonali tan-NU tan-Nisa u l-Bniet fix-Xjenza, li jitfakkar fil-11 ta' Frar ta' kull sena, li jfittex li jikseb aċċess sħiħ u ugwali għax-xjenza u l-parteċipazzjoni fiha għan-nisa u l-bniet, u jikseb aktar ugwaljanza bejn il-ġenerazzjoni u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet,

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, li daħlet fis-seħħ fl-2016, u b'mod partikolari, l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 5 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,

– wara li kkunsidra t-Tabella ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-2020 dwar "In-Nisa fid-Dinja Diġitali",

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi dwar l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta'

---

1 ĠU C 349, 17.10.2017, p. 56.
2 ĠU C 66, 21.2.2018, p. 44.
3 ĠU C 390, 18.11.2019, p. 28.
4 Testi adottati, P9_TA(2021)0026.
5 Studju – "Education and employment of women in science, technology and the digital economy, including AI and its influence on gender equality", il-Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku C – Id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, 15 ta April 2020.
6 Studju mħejji minn iclaves għad-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija, Kummissjoni Ewropea.

Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tal-1979, b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A9-0163/2021),

A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur fundamentali u objettiv ewlieni tal-UE u prekundizzjoni bażika għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet li hija essenzjali għall-emanċipazzjoni tagħhom, l-iżvilupp tal-potenzjal sħiħ tagħhom u l-kisba ta' soċjetà sostenibbli u inklużiva; billi d-diskriminazzjoni li jħabbtu wiċċhom magħha n-nisa b'rabta mal-ġeneru, l-istereotipi u l-inugwaljanzi, flimkien mad-diskriminazzjoni intersezzjonali, għandha għadd kbir ta' konsegwenzi soċjali u ekonomiċi dannużi, inkluż it-tnaqqis ta' vantaġġi potenzjali għas-settur pubbliku u n-negozji fir-riċerka u l-innovazzjoni u għall-iżvilupp ekonomiku ġenerali; billi ż-żieda fil-profil tan-nisa fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) u l-kontributi professjonali tan-nisa jistgħu jistabbilixxu xejriet ta' suċċess li għandhom jiġu segwiti u fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal aktar inklużjoni, kif ukoll isaħħu t-trasformazzjoni u l-innovazzjoni fis-soċjetajiet tagħna, għall-benefiċċju tal-pubbliku ġenerali; billi l-eliminazzjoni tax-xejriet il-qodma tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi n-nisa jista' jkollhom rwol vitali biex jimlew in-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol tal-UE;

B. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas bla preċedent ta' nisa fil-karrieri u l-edukazzjoni STEM, b'mod partikolari minħabba li n-nisa jirrappreżentaw 52 % tal-popolazzjoni Ewropea u 57,7 % tal-gradwati terzjarji fl-UE[1], iżda jirrappreżentaw biss 2 minn kull 5 xjenzati u inġiniera[2]; billi n-nisa huma sottorappreżentati fil-livelli kollha fis-settur diġitali fl-Ewropa, minn studenti (32 % f'livell ta' baċellerat, master's jew ekwivalenti) sal-ogħla pożizzjonijiet akkademiċi (15 %) fil-biċċa l-kbira tal-oqsma xjentifiċi, tal-inġinerija u tal-maniġment u f'livelli ġerarkiċi ogħla, anke f'setturi fejn jinsabu f'maġġoranza, bħall-edukazzjoni; billi l-istereotipi tal-ġeneru jikkostitwixxu ostaklu sinifikanti għall-ugwaljanza bejn l-istudenti maskili u femminili sa mill-edukazzjoni u jkomplu jwessgħu d-differenza bejn il-ġeneri fis-settur tal-impjiegi STEM, li tirrappreżenta ostaklu sinifikanti għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel; billi d-differenza hija l-akbar fil-ħiliet speċjalizzati u fl-impjiegi fl-ICT fl-UE, fejn 18 % biss huma nisa[3], fost il-gradwati STEM, li minnhom 36 % biss huma nisa, u fis-settur diġitali, fejn hemm aktar minn tliet darbiet aktar irġiel milli nisa; billi livelli sinifikanti ta' segregazzjoni tal-ġeneri fost l-istudenti u l-gradwati STEM iwittu t-triq għas-segregazzjoni futura tal-ġeneri fil-karrieri relatati mal-iSTEM; billi huma ftit ħafna t-tfajliet adolexxenti fl-Istati Membri (inqas minn 3 %) li jesprimu interess li jaħdmu bħala professjonisti tal-ICT meta jkollhom 30 sena[4]; billi huwa partikolarment diffiċli għan-nisa minn kuntesti soċjoekonomiċi żvantaġġati biex jidħlu fis-settur STEM; billi għalkemm kien hemm xejra pożittiva fl-involviment u l-interess tal-bniet fl-edukazzjoni STEM, il-perċentwali għadhom insuffiċjenti; billi l-attitudnijiet lejn l-iSTEM ma jvarjawx bejn is-subien u l-bniet matul l-edukazzjoni primarja, u f'ħafna każijiet il-bniet spiss imorru aħjar mis-subien f'kompiti

---

1 Eurostat, Statistika tal-edukazzjoni terzjarja, data estratta f'Settembru 2020.
2 Eurostat, Riżorsi umani fix-xjenza u t-teknoloġija, data medja annwali 2016-2020.
3 Kummissjoni Ewropea, Tabella ta' valutazzjoni dwar in-Nisa fid-Dinja Diġitali 2020.
4 International Association for the Evaluation of Educational Achievement (IEA), International Computer and Information Literacy Study (ICILS) 2018.

relatati mal-iSTEM u mal-ICT[1]; billi d-differenzi bejn il-ġeneri fis-suġġetti STEM fl-edukazzjoni ogħla mhumiex ġustifikati mill-prestazzjoni akkademika, peress li l-bniet u s-subien juru livelli simili ta' kisba fix-xjenza u l-matematika fl-edukazzjoni sekondarja; billi, madankollu, il-bniet jibżgħu li jkollhom inqas suċċess mis-subien f'karrieri relatati mal-iSTEM u, b'riżultat ta' dan, in-nisa huma inqas kunfidenti fil-ħiliet diġitali tagħhom stess; billi n-normi soċjali u l-aspettattivi b'rabta mal-ġeneru dwar l-għażliet tal-karrieri, li spiss jissaħħu permezz tal-kontenut u l-kurrikuli edukattivi, huma tnejn mill-ixpruni tas-segregazzjoni tal-ġeneri fl-edukazzjoni ogħla;

C. billi n-nisa li jispeċjalizzaw fl-oqsma STEM jistgħu jitħabtu biex isibu posthom fis-settur tal-impjiegi STEM u huma inqas probabbli mill-kontropartijiet maskili tagħhom li jidħlu f'impjiegi STEM jew li jibqgħu fihom minħabba d-diversi ostakli li jeżistu, bħall-istereotipi marbuta mal-ġeneru, il-postijiet tax-xogħol iddominati mill-irġiel, id-diskriminazzjoni u l-preġudizzju, il-preġudizzju konsapevoli u inkonsapevoli, il-fastidju sesswali, ambjent tax-xogħol negattiv, u nuqqas ta' mudelli eżemplari u mentors femminili; billi t-tnaqqis tad-differenza bejn il-ġeneri fl-oqsma tal-edukazzjoni STEM jista' jnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet, iżid l-impjiegi u l-produttività tan-nisa u jnaqqas is-segregazzjoni professjonali, li fl-aħħar mill-aħħar irawmu t-tkabbir ekonomiku permezz ta' produttività ogħla u żieda fix-xogħol; billi t-tnaqqis tad-differenza bejn il-ġeneri fil-karrieri STEM jikkontribwixxi għal żieda fil-PDG *per capita* tal-UE b'bejn 2,2 u 3,0 % sal-2050[2]; billi l-eliminazzjoni tad-differenza bejn il-ġeneri fil-karrieri STEM tikkostitwixxi pass lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-bniet, u jkollha impatt pożittiv fit-tnaqqis tad-differenzi bejn il-ġeneri fil-pagi u fil-pensjonijiet;

D. billi skont stħarriġ tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali[3], madwar 55 % tan-nisa fl-UE ffaċċjaw fastidju sesswali mill-età ta' 15-il sena u 14 % tan-nisa esperjenzaw fastidju ċibernetiku mill-età ta' 15-il sena; billi ħafna nisa sfaw vittmi ta' forom ġodda ta' vjolenza ċibernetika matul il-pandemija tal-COVID-19, bħall-fastidju sesswali u psikoloġiku online; billi teżisti l-ħtieġa urġenti ta' miżuri biex jiġu indirizzati dawn il-forom ġodda ta' fastidju sesswali u psikoloġiku; billi ġew rappurtati inċidenzi għolja ta' fastidju sesswali f'faċilitajiet tal-edukazzjoni STEM, inklużi l-iskejjel, l-universitajiet u l-postijiet tax-xogħol, li jkomplu jeskludu lin-nisa mis-settur;

E. billi s-sottorappreżentanza tan-nisa li jaħdmu fil-qasam tat-teknoloġiji innovattivi, bħall-intelliġenza artifiċjali (IA), hija kwistjoni ta' tħassib, peress li jista' jkollha effett negattiv fuq id-disinn, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dawn it-teknoloġiji, u dan jikkawża r-replikazzjoni ta' prattiki diskriminatorji u stereotipi eżistenti u l-iżvilupp ta' "algoritmi bi preġudizzji fir-rigward tal-ġeneru"; billi l-isforzi biex jiġu indirizzati l-preġudizzju, l-istereotipi u l-inugwaljanza relatati mal-ġeneru fis-settur diġitali mhumiex biżżejjed; billi d-differenza bejn il-ġeneri tippersisti fl-isferi kollha tat-teknoloġija diġitali, b'mod partikolari fir-rigward tal-IA u s-sigurtà ċibernetika, u b'hekk tirrinforza trajettorja bi preġudizzju favur l-irġiel għas-settur diġitali fil-futur

---

[1] O'Dea, R. E., Lagisz, M., Jennions, M. D. et al., "Gender differences in individual variation in academic grades fail to fit expected patterns for STEM", *Nature Communications* 9, 3777, 2018.

[2] Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, *Economic benefits of gender equality in the EU: How gender equality in STEM education leads to economic growth*, 2017.

[3] Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, *Violence against women: an EU-wide survey*, 2014.

prevedibbli; billi l-indirizzar ta' dawn il-preġudizzji jirrikjedi l-iżvilupp ta' rekwiżiti etiċi u ta' trasparenza ċari; billi settijiet tad-data mhux kompleti u mhux eżatti u n-nuqqas ta' data diżaggregata skont il-ġeneru jistgħu jfixklu l-ipproċessar u l-loġika tas-sistemi tal-IA u jikkompromettu aktar il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-soċjetà; billi għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa wkoll liċ-ċirkostanzi uniċi tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) tal-Ewropa b'attenzjoni partikolari għad-daqs tagħhom, il-kapaċità tagħhom li jimplimentaw rekwiżiti ġodda, u l-potenzjal tagħhom bħala sors u kontributur siewi biex il-bniet, in-nisa u l-mexxejja nisa jkunu jistgħu jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni u l-karrieri STEM;

F. billi t-teknoloġiji l-ġodda li jkunu preġudikati f'termini ta' ġeneru, etniċità, razza, kulur, lingwa, reliġjon jew oriġini nazzjonali jew soċjali huma prinċipalment ikkawżati minn data mhux diżaggregata, nuqqas ta' għarfien kuntestwalizzat u n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneru fir-riċerka, li jista' jkollhom konsegwenzi ta' ħsara għas-saħħa u l-benesseri tan-nisa, speċjalment dawk li jiffaċċjaw diskriminazzjoni intersezzjonali, u għas-sikurezza tal-prodotti, u jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-iżvilupp personali u professjonali tan-nisa[1];

G. billi l-għalliema u l-ġenituri jistgħu jirrinforzaw l-istereotipi tal-ġeneru billi jiskoraġġixxu lill-bniet milli jagħżlu u jsegwu studji u karrieri STEM; billi l-istereotipi tal-ġeneru jinfluwenzaw ħafna l-għażliet tas-suġġetti; billi l-iskoraġġiment kulturali u n-nuqqas ta' għarfien ta' mudelli eżemplari femminili u n-nuqqas li jiġu promossi jfixklu u jaffettwaw b'mod negattiv l-opportunitajiet tal-bniet u tan-nisa fl-istudji STEM, fil-karrieri relatati u fl-intraprenditorija diġitali, u jwasslu għal diskriminazzjoni u inqas opportunitajiet għan-nisa fis-suq tax-xogħol; billi għandha ssir enfasi fuq il-fatturi li jimmotivaw lill-bniet u jkebbsu l-interess tagħhom fl-istudji STEM, il-karrieri relatati u l-intraprenditorija diġitali, bħall-promozzjoni ta' mudelli eżemplari femminili, l-għalliema mentors u l-approvazzjoni minn gruppi ta' pari u l-iżvilupp tal-kreattività u l-esperjenza prattika;

H. billi l-kriżi tal-COVID-19 x'aktarx li twassal għal bidliet permanenti fil-ħajja fl-Ewropa u taffettwa l-biċċa l-kbira tal-aspetti tal-ħajja tan-nies, il-mod kif inwettqu l-ħidma tagħna u l-mod kif nistudjaw u nitgħallmu, fejn id-diġitalizzazzjoni se jkollha rwol ewlieni; billi l-COVID-19 qed twessa' wkoll id-differenza diġitali bejn il-ġeneri[2] fi żmien meta l-ħiliet diġitali huma meħtieġa aktar minn qatt qabel biex naħdmu, nistudjaw jew nibqgħu konnessi; billi t-trasformazzjoni diġitali rapida toffri ħafna opportunitajiet biex jinbidlu x-xejriet ta' impjieg skont il-ġeneru, iżda tista' wkoll taffettwa b'mod sproporzjonat l-impjieg tan-nisa f'diversi oqsma; billi n-nisa huma mġiegħla jieħdu sehem akbar ta' obbligi relatati mat-trobbija jew mal-familji tagħhom mill-kontropartijiet maskili tagħhom u, bħala tali, il-miżuri kollha proposti għandhom iqisu l-possibbiltà ta' rikonċiljazzjoni b'suċċess tax-xogħol mal-ħajja tal-familja għan-nisa sabiex jinkludu l-irġiel f'dawn l-oqsma; billi l-konfini bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja se jsiru inqas distinti minħabba t-telexogħol u n-nisa jista' jkollhom iġorru l-akbar piż biex jibbilanċjaw karriera mad-dmirijiet ta' indukrar tal-familja;

---

1 Rapport tal-Grupp ta' Esperti "Innovation through Gender", *Gendered Innovations: How Gender Analysis Contributes to Research*, Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Kummissjoni Ewropea, 2013.

2 Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), *Bridging the digital gender divide: include, upskill, innovate*, 2018.

I. billi hemm bżonn li jiġu promossi aktar il-politiki bl-għan li jżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa f'oqsma relatati mal-iSTEM u l-IA u li jiġi adottat approċċ f'diversi livelli biex tiġi indirizzata d-differenza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u l-impjiegi fis-settur diġitali; billi ftit Stati Membri inkludew dispożizzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-progress biex il-ġeneru jiġi integrat fil-programmi nazzjonali ta' riċerka mexa bil-mod;

J. billi hemm bżonn li tiġi promossa u appoġġjata intraprenditorija akbar fost in-nisa u li jiġi żviluppat ambjent favorevoli li fih l-intraprendituri nisa jistgħu jirnexxu u l-ispirtu intraprenditorjali jiġi mħeġġeġ; billi d-data dwar l-intraprenditorija fis-settur STEM u tal-ICT tindika emarġinazzjoni saħansitra akbar tan-nisa; billi d-differenza bejn il-ġeneri fl-istart-ups u l-investiment fil-kapital ta' riskju hija ugwalment evidenti; billi peress li l-bniet għandhom it-tendenza li jistudjaw inqas suġġetti tal-ICT u STEM matul l-iskola sekondarja u l-università, ħafna inqas nisa jispiċċaw jaħdmu f'dawn l-oqsma u jsiru fundaturi u sidien ta' kumpaniji privati u start-ups; billi 17 % biss tal-fundaturi ta' start-ups huma nisa; billi, bħala medja, l-istart-ups li huma proprjetà ta' nisa jirċievu 23 % inqas finanzjament minn dawk immexxija minn irġiel; billi għalkemm in-nisa jirrappreżentaw 30 % tal-intraprendituri kollha fl-Ewropa, jirċievu biss 2 % tal-finanzjament mhux bankarju disponibbli[1]; billi din iċ-ċifra jidher li niżlet għal 1 % fid-dawl tal-pandemija;

*Kummenti ġenerali*

1. Iqis li, fid-dawl tad-differenza konsiderevoli bejn il-ġeneri fil-pagi fl-UE, il-fatt li huwa aktar probabbli li n-nisa jkollhom impjiegi b'paga baxxa, part-time u altrimenti prekarji, id-domanda tikber għal professjonisti STEM, u l-importanza tal-karrieri relatati mal-iSTEM għall-futur tal-ekonomija Ewropea, iż-żieda fis-sehem tan-nisa fis-settur STEM hija kruċjali biex jiġu ssodisfati d-drittijiet u l-potenzjal tan-nisa u għall-bini ta' ekonomija u soċjetà aktar sostenibbli u inklużivi permezz tal-innovazzjoni xjentifika, diġitali u teknoloġika; jenfasizza li l-ħiliet STEM ta' livell għoli huma kritiċi għall-proċess ta' innovazzjoni f'oqsma avvanzati tal-ICT bħall-IA jew is-sigurtà ċibernetika u se jkunu dejjem aktar importanti għall-kompetittività tal-UE fis-swieq globali; jissottolinja, għalhekk, li l-potenzjal sħiħ tal-ħiliet, l-għarfien u l-kwalifiki tan-nisa f'dawn l-oqsma jista' jgħin biex tingħata spinta lill-ekonomija Ewropea u jappoġġja l-għanijiet definiti f'diversi politiki tal-UE, fuq kollox il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Aġenda Diġitali;

2. Itenni li l-għan ewlieni għandu jkun li jitneħħew l-ostakli kollha, b'mod partikolari l-ostakli soċjokulturali, psikoloġiċi u pedagoġiċi li jirrestrinġu l-interessi, il-preferenzi u l-għażliet tan-nisa u l-bniet, inklużi l-istereotipi tal-ġeneru, id-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru u kombinazzjoni ta' fatturi bijoloġiċi u soċjali, b'mod partikolari l-fatt li l-maternità tikkoinċidi mal-aktar perjodi deċiżivi fil-karrieri tan-nisa, mingħajr ma tiġi kompromessa l-libertà tan-nisa li jieħdu deċiżjonijiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet fl-istudji u l-karrieri STEM fil-pjanijiet ta' azzjoni jew l-istrateġiji nazzjonali jew reġjonali rilevanti tagħhom rigward il-ġeneru billi jipprovdu inċentivi adegwati; iqis li dawn il-pjanijiet ta' azzjoni jew l-istrateġiji, fost inizjattivi oħra, għandu jkollhom l-għan li jżidu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri billi jiffokaw fuq il-qerda tal-istereotipi tal-ġeneru, il-faċilitazzjoni tal-aċċess

[1] Kummissjoni Ewropea u Bank Ewropew tal-Investiment, *Funding women entrepreneurs: How to empower growth*, 2018.

għall-edukazzjoni u l-kwalifiki, bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, opportunitajiet indaqs, l-iżgurar ta' ambjenti tax-xogħol u studju sani u sikuri għan-nisa, in-nondiskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol, is-sensibilizzazzjoni dwar il-preġudizzju u l-istereotipi tal-ġeneru fis-setturi kollha rilevanti għall-iSTEM, l-istabbiliment ta' politiki obbligatorji dwar it-trasparenza fil-pagi, l-implimentazzjoni ta' tolleranza żero għall-fastidju sesswali, u ż-żieda tal-viżibbiltà tal-mudelli eżemplari femminili;

3. Itenni li l-istereotipizzazzjoni tal-ġeneru, l-iskoraġġiment kulturali u nuqqas ta' għarfien u ta' promozzjoni ta' mudelli eżemplari femminili jfixklu u jaffettwaw b'mod negattiv l-opportunitajiet tal-bniet u tan-nisa fl-istudji STEM, fil-karrieri relatati u fl-intraprenditorija diġitali, u jistgħu jwasslu għal diskriminazzjoni u inqas opportunitajiet għan-nisa fis-suq tax-xogħol;

4. Jafferma mill-ġdid l-importanza tal-integrazzjoni tas-sensibilizzazzjoni dwar il-preġudizzju relatat mal-ġeneru fis-setturi rilevanti kollha, inkluż fit-taħriġ inizjali u kontinwu tal-għalliema; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-ostakli strutturali, bħall-iżvantaġġi soċjoekonomiċi u ambjenti tax-xogħol u kundizzjonijiet tax-xogħol ostili għan-nisa, li jimpedixxu lill-bniet u lin-nisa milli jidħlu f'qasam dominat l-aktar mill-irġiel, u l-ħtieġa li tiżdied il-viżibbiltà ta' mudelli eżemplari li sal-lum kienu sottovalutati bħala ispirazzjoni għan-nisa u l-bniet; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi u tappoġġja kampanji ta' sensibilizzazzjoni u programmi u inizjattivi oħra biex jitnaqqsu dawn l-ostakli fid-dinja akkademika; jisħaq li miżuri għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħat-tneħħija tal-istereotipi tal-ġeneru fl-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni, il-promozzjoni tas-suġġetti STEM għall-bniet u n-nisa u l-gwida dwar il-karrieri biex il-bniet jiġu mħeġġa jikkunsidraw li jistudjaw f'oqsma dominati mill-irġiel iwasslu għal għadd akbar ta' nisa li jiggradwaw fis-suġġetti STEM;

5. Jistieden lill-Istati Membri jikkumbattu s-segmentazzjoni skont il-ġeneru fis-suq tax-xogħol fil-karrieri STEM billi jinvestu fl-edukazzjoni formali, informali u mhux formali, fit-tagħlim tul il-ħajja u fit-taħriġ vokazzjonali għan-nisa biex jiżguraw li jkollhom aċċess għal impjiegi ta' kwalità għolja u għal opportunitajiet biex jitħarrġu mill-ġdid u jtejbu l-ħiliet għad-domanda futura tas-suq tax-xogħol u jipprevjenu ċirku vizzjuż ta' segregazzjoni skont il-ġeneru fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jfasslu miżuri ta' politika li jinkorporaw bis-sħiħ id-dimensjoni tal-ġeneru permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, taħriġ, kurrikuli tal-iskejjel u, b'mod partikolari, gwida dwar il-karrieri, sabiex jippromwovu l-intraprenditorija, is-suġġetti STEM u l-edukazzjoni diġitali għall-bniet minn età bikrija bl-għan li jiġu miġġielda l-istereotipi edukattivi eżistenti u li jiġi żgurat li aktar nisa jidħlu f'setturi li qed jiżviluppaw u mħallsa tajjeb; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi involuta l-midja, inkluża l-midja soċjali, biex jitħeġġeġ l-użu ta' lingwaġġ inklużiv u biex jiġu evitati stereotipi li jwasslu għall-formazzjoni ta' opinjonijiet kontra l-parteċipazzjoni u l-interess tal-bniet fl-edukazzjoni STEM; jitlob li l-faċilitajiet STEM jittejbu u li jiġi garantit aċċess ugwali għalihom; jappella għal boroż ta' studju speċifiċi għall-bniet u n-nisa li jixtiequ jsegwu karriera fis-settur STEM;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu b'mod speċifiku s-sitwazzjoni tan-nisa u l-bniet minn kuntesti soċjoekonomiċi żvantaġġati, bħal dawk b'diżabilità jew dawk li jgħixu f'reġjuni ultraperiferiċi jew żoni rurali, in-nisa fil-faqar, l-ommijiet waħedhom, l-istudenti f'sitwazzjonijiet prekarji, in-nisa migranti u n-nisa Rom, u jiżguraw l-aċċess sħiħ tagħhom għall-edukazzjoni diġitali u l-inklużjoni tagħhom fl-edukazzjoni diġitali u l-karrieri STEM sabiex jiġi evitat li d-distakk diġitali jitwessa';

jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lid-diskriminazzjoni intersezzjonali u lill-preġudizzju minħabba l-etniċità, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali, l-età jew id-diżabilità meta jfasslu l-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru data komparabbli u armonizzata biex isegwu l-progress tan-nisa minn kuntesti soċjoekonomiċi jew oriġini razzjali u etnika differenti fil-livelli edukattivi kollha, inkluż fir-rigward tal-għażliet u l-iżvilupp tal-karriera tagħhom, b'enfasi fuq l-inugwaljanzi fis-setturi STEM u diġitali, li se jgħinu fil-monitoraġġ tal-impatt tal-politiki u jippermettu lill-partijiet ikkonċernati jidentifikaw in-nuqqasijiet u l-kawżi ewlenin tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mal-Istati Membri biex twessa' l-indikaturi użati għat-Tabella ta' valutazzjoni dwar "In-Nisa fid-Dinja Diġitali" sabiex jinkludu informazzjoni u data dwar in-nisa fl-edukazzjoni u fil-karrieri STEM u biex tiżviluppa sett ta' għodod li jinkludi metodoloġiji, indikaturi u oqfsa biex tiġi prodotta data aktar preċiża u jittejjeb l-użu ta' informazzjoni eżistenti;

7. Jistieden lill-Istati Membri joffru l-appoġġ sħiħ tagħhom għall-inizjattivi tal-Kummissjoni ta' sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet diġitali bħall-approċċ "no women, no panel", il-Ġimgħa Ewropea tal-Ikkowdjar, il-Koalizzjonijiet għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali, il-Premju tal-UE għall-Innovaturi Nisa, l-inizjattivi #SaferInternet4EU madwar l-Ewropa u l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa;

*Edukazzjoni*

8. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 u l-azzjoni tiegħu biex "Titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-iSTEM", u jittama li dan jgħin biex jiġu żviluppati modi aktar attraenti u kreattivi biex il-bniet jiġu mħeġġa jsegwu l-istudji STEM, kif ukoll biex tissaħħaħ il-fiduċja tan-nisa fil-ħiliet diġitali tagħhom; jisħaq li l-bniet jirrappreżentaw biss 36 % tal-gradwati STEM[1] minkejja prestazzjoni aħjar mis-subien fil-litteriżmu diġitali[2]; jenfasizza li l-bniet li jassimilaw l-istereotipi tal-ġeneru għandhom livelli aktar baxxi ta' awtoeffikaċja u inqas fiduċja fil-kapaċità tagħhom mis-subien u li l-awtoeffikaċja għandha impatt konsiderevoli kemm fuq l-eżiti tal-edukazzjoni STEM kif ukoll fuq l-aspirazzjonijiet għall-karrieri STEM; jisħaq li jidher li l-bniet aktar ma jikbru aktar jitilfu l-interess fis-suġġetti STEM, u dan juri li huma meħtieġa interventi fi stadju bikri, jiġifieri fl-edukazzjoni preprimarja u fl-iskola primarja sabiex jinżamm l-interess tal-bniet f'dawn l-oqsma u jiġu miġġielda l-istereotipi ta' ħsara dwar ir-rwoli tal-ġeneri kemm għall-bniet kif ukoll għas-subien; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu mezzi ġodda biex ikollhom kuntatt mal-bniet u jiżguraw li l-edukazzjoni diġitali tilħaqhom kollha, u jirrikonoxxu u jinvestu fl-għalliema bħala l-ixpruni tal-bidla kulturali minħabba l-potenzjal tagħhom li jagħtu spinta lill-parteċipazzjoni kontinwa tal-bniet fix-xjenza fl-iskola; jissuġġerixxi li dawn l-isforzi għandhom jiżdiedu bl-iżvilupp ta' linji gwida komuni għall-Istati Membri bl-għan li jittejbu l-għarfien u l-ħiliet ta' dawk li jibdew l-edukazzjoni sekondarja; jappella għall-użu effiċjenti tal-fondi, il-programmi u l-istrateġiji tal-UE inklużi Erasmus+, il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Programm Ewropa Diġitali sabiex il-bniet jiġu mħeġġa b'mod attiv jistudjaw is-suġġetti tal-ICT u l-iSTEM u biex jiġi pprovdut appoġġ effettiv għat-tagħlim u t-taħriġ tul il-ħajja fis-setturi STEM; jitlob li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tiġi inkorporata kif xieraq fl-istrateġija u l-politiki futuri tal-UE dwar iż-żgħażagħ;

---

[1] Kummissjoni Ewropea, *She Figures 2018*.
[2] International Computer and Information Literacy Study (ICILS) 2018.

9. Jisħaq li edukazzjoni diġitali ta' kwalità għolja, inklużiva u nondiskriminatorja trid tiżvolġi rwol sostanzjali fiż-żieda tal-parteċipazzjoni tal-bniet u n-nisa fl-ICT u f'oqsma relatati mal-iSTEM u l-eliminazzjoni tad-differenza diġitali bejn il-ġeneri; jenfasizza li l-edukazzjoni diġitali trid toħloq inklużjoni diġitali u litteriżmu diġitali aħjar u tiżgura l-parteċipazzjoni ugwali tal-bniet u n-nisa fl-era diġitali; jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-edukazzjoni STEM fil-livelli kollha, inkluża l-edukazzjoni ekstrakurrikulari, informali u mhux formali, anke għall-għalliema; jappella, għalhekk, għal strateġiji speċifiċi skont l-età; iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu l-edukazzjoni dwar ix-xjenza tal-kompjuter fil-kurrikuli nazzjonali u jistieden lill-korpi edukattivi jintegraw is-suġġetti tar-robotika, l-ikkowdjar, l-ICT u l-ipprogrammar fi stadju aktar bikri tal-edukazzjoni preprimarja u primarja sabiex jinkoraġġixxu lill-bniet u lill-istudenti nisa biex jagħżlu l-matematika, l-ikkowdjar, il-klassijiet tal-ICT u s-suġġetti tax-xjenza fl-iskola;

10. Jirrikonoxxi r-rwol tal-iskejjel u tal-għalliema fl-eliminazzjoni tad-differenza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni STEM, u jenfasizza r-rwol tal-edukazzjoni fil-promozzjoni tal-preżenza tal-bniet f'korsijiet relatati mal-iSTEM u fl-istabbiliment ta' punti ta' riferiment għall-monitoraġġ tar-reklutaġġ u ż-żamma tan-nisa; jistieden lill-Istati Membri jinvestu fl-iżvilupp tal-ħiliet tal-għalliema STEM fil-livell primarju u sekondarju biex jgħinuhom jifhmu u jindirizzaw prekunċetti mhux konxji fil-prattiki u l-valutazzjonijiet tat-tagħlim tagħhom u jinvolvu lill-istudenti kollha b'mod ugwali; jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jinvolvu l-professjoni kollha tat-tagħlim fil-movimenti STEM u jinvolvu lill-għalliema bħala aġenti tal-bidla; jipproponi li l-pjanijiet ta' ugwaljanza jitfasslu mill-istabbilimenti edukattivi biex jippromwovu l-bilanċ bejn il-ġeneri fost l-għalliema; jitlob li l-kurrikuli u l-materjal edukattiv STEM jissaħħu sabiex tiġi promossa aħjar il-parteċipazzjoni ugwali fl-iSTEM; jitlob li jkun hemm gwida aħjar għall-karrieri u għal modi ġodda u kreattivi biex jispiraw lill-istudenti nisa biex jikkunsidraw karriera STEM; jenfasizza l-ħtieġa, f'dan ir-rigward, li tissaħħaħ il-kapaċità tal-għalliema u tal-konsulenti tal-karrieri biex iħeġġu lill-bniet li juru interess fl-iSTEM biex isegwu karriera f'dan il-qasam, peress li għarfien aħjar tal-istereotipi u tad-differenzi bejn il-ġeneri fl-iSTEM jippermetti lill-edukaturi u l-konsulenti tal-karrieri jifhmu l-ostakli li jiffaċċjaw l-istudenti tagħhom, jiżguraw parteċipazzjoni ugwali fil-klassijiet STEM u jippromwovu l-karrieri STEM għall-istudenti nisa;

11. Jenfasizza l-fatt li l-għalliema rġiel u persunal maskili ieħor jiddominaw l-istudji relatati mal-iSTEM fl-iskejjel, fl-universitajiet u fil-postijiet tax-xogħol, u dan iwassal għal nuqqas ta' mudelli eżemplari femminili u opportunitajiet limitati ta' gwida u mentoraġġ; iħeġġeġ l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-edukazzjoni primarja, sekondarja u terzjarja permezz ta' kontenut edukattiv, taħriġ għall-għalliema u kurrikuli sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, u jħeġġeġ lill-kumitati u lill-istituzzjonijiet involuti fir-reklutaġġ jippromwovu l-bilanċ bejn il-ġeneri biex jiġi evitat l-effett ta' nuqqas ta' appartenenza ("outsider effect"); jenfasizza l-ħtieġa għal investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ bi proċessi ta' reklutaġġ u għażla sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru fis-setturi edukattivi kollha, speċjalment fl-iSTEM u f'setturi diġitali emerġenti, fejn in-nisa huma sottorappreżentati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsibu modi aktar attraenti u kreattivi biex juru mudelli eżemplari femminili b'karrieri ta' suċċess fl-ICT u l-iSTEM sabiex tissaħħaħ il-fiduċja tal-bniet fil-ħiliet diġitali u jiġu mħeġġa jsegwu studji relatati mal-ICT u l-iSTEM;

12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi indirizzata l-edukazzjoni finanzjarja, inklużi simulazzjonijiet ta' prattiki finanzjarji, u r-relazzjoni tagħha mad-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet; jenfasizza li l-fatt li n-nisa żgħażagħ jitgħallmu dwar suġġetti bħad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi se jwitti t-triq mimli b'nisa finanzjarjament sikuri;

13. Jinnota li l-bniet kollha għandhom ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ minn aċċess akbar għal soluzzjonijiet ta' tagħlim diġitali mill-aqwa u għandu jkollhom l-għodod u l-motivazzjonijiet biex jinvolvu ruħhom fit-teknoloġiji diġitali bħala utenti u kreaturi; jistieden lill-Istati Membri jqisu t-tħassib kontinwu dwar ir-riskju ta' tixrid ulterjuri tal-COVID-19 u jindirizzaw in-nuqqas ta' tagħmir tal-ICT u konnettività għal studenti vulnerabbli minn kuntesti soċjoekonomikament żvantaġġati, bħal bniet f'żoni rurali jew f'żoni li diffiċli jintlaħqu, u jiżviluppaw għodod li jiżguraw aċċess sħiħ għall-edukazzjoni diġitali u l-funzjonament bla xkiel tagħha; jenfasizza l-ħtieġa ta' programmi ta' finanzjament speċjali għall-iskejjel f'żoni rurali, li qed isibu ruħhom dejjem aktar mingħajr il-finanzjament għal teknoloġiji avvanzati li ħafna distretti tal-iskejjel urbani jieħdu bħala fatt; jitlob, barra minn hekk, appoġġ aħjar għall-edukaturi fis-sistemi tal-iskejjel rurali biex jgħinhom jgħallmu l-kurrikuli STEM, b'mod partikolari fir-rigward tat-taħriġ, l-għodod u l-infrastruttura;

14. Jissottolinja l-importanza li jiġu żviluppati networks għan-nisa professjonisti STEM għal kampanji ta' komunikazzjoni fuq skala kbira biex jgħinu jittrasformaw il-perċezzjonijiet tan-nisa tal-iSTEM u għan-nisa fl-iSTEM biex jikkomunikaw mal-bniet permezz ta' appoġġ għall-karrieri, taħriġ fil-ħiliet u networking; ifaħħar id-diversi inizjattivi edukattivi mfassla biex jappoġġjaw lill-bniet u jippromwovu lin-nisa fl-ekonomija diġitali, inkluż l-użu ta' stejjer virali fuq il-midja soċjali, networks professjonali organizzati min-nisa, għan-nisa, u inizjattivi minn kumpaniji tat-teknoloġija; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu skemi ta' mentoraġġ li jkollhom mudelli eżemplari femminili fl-iSTEM fil-livelli kollha tal-edukazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ immirat fir-rigward tal-ġeneri fil-qafas tat-traineeships għal opportunitajiet diġitali biex tagħti lin-nisa żgħażagħ minn kuntesti differenti l-opportunità li jiksbu esperjenza prattika diġitali, tal-ICT u l-iSTEM f'oqsma li huma mitluba fis-suq tax-xogħol, u jħeġġeġ bil-qawwa l-promozzjoni ta' internships f'negozji STEM matul l-edukazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu inizjattivi li jappoġġjaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol tal-bniet, bħal gwida dwar il-karrieri fl-iskejjel, apprendistati u programmi ta' esperjenza ta' xogħol, bil-ħsieb li jiġu appoġġjati l-aspirazzjonijiet futuri tal-bniet u jinħolqu mogħdijiet għalihom għat-tranżizzjoni lejn il-forza tax-xogħol STEM;

15. Jinnota li fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Mejju 2015 dwar il-Pjan Direzzjonali 2015-2020 għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka, il-Kunsill stieden – għalxejn – lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew isarrfu l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-ugwaljanza f'azzjoni effettiva sabiex jiġġieldu kontra l-iżbilanċi bejn il-ġeneri fl-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-korpi deċiżjonali u jintegraw aħjar id-dimensjoni tal-ġeneru fil-politiki, il-programmi u l-proġetti tar-riċerka u l-iżvilupp; jirrikonoxxi l-objettiv tal-Kummissjoni li tħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-iSTEM mal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u tappoġġja l-Koalizzjoni STEM tal-UE biex tiżviluppa kurrikuli tal-edukazzjoni għolja li jattiraw lin-nisa lejn l-inġinerija u l-ICT; jiddispjaċih għall-fatt li l-aċċess inugwali għan-nisa għall-pożizzjonijiet ta' riċerka, għall-finanzjament u l-ippubblikar għadu jippersisti, inkluża differenza mhux aġġustata bejn il-ġeneri fil-pagi fix-xjenza u l-akkademja, minkejja d-dispożizzjonijiet legali għal trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż dwar il-paga ugwali, fis-seħħ fl-UE u fl-

Istati Membri;

16. Jenfasizza l-għadd ta' każijiet ta' fastidju sesswali mġarrab minn studenti nisa fl-oqsma STEM fl-edukazzjoni terzjarja, u jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet edukattivi jistabbilixxu politiki ta' tolleranza żero għall-fastidju sesswali, jaqblu dwar kodiċijiet ta' kondotta u protokolli stretti, joħolqu kanali sikuri u privati ta' rapportar għan-nisa u l-bniet, u jirrapportaw il-każijiet kollha ta' fastidju sesswali lill-awtoritajiet rilevanti; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet edukattivi jadottaw miżuri preventivi u sanzjonijiet adegwati għal min iwettaq fastidju sesswali sabiex jiġi indirizzat il-fastidju sesswali fl-iskejjel u fil-faċilitajiet edukattivi STEM;

17. Jenfasizza l-ħtieġa li fil-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali u fil-politiki tas-settur tal-edukazzjoni, l-ICT u x-xjenza jiġu inklużi opportunitajiet ta' tagħlim u karrieri fl-iSTEM reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru;

***Karrieri***

18. Jiddispjaċih għall-fatt li n-nisa jiffaċċjaw ostakli sproporzjonatament akbar mill-irġiel fil-karrieri tagħhom, minħabba n-nuqqas ta' bilanċ xieraq bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u żieda fix-xogħol ta' indukrar mhux imħallas fil-biċċa l-kbira tal-unitajiet domestiċi; jinnota li l-pandemija tal-COVID-19 kompliet tiggrava s-sitwazzjoni tan-nisa, li kellhom jibbilanċjaw is-sahra tax-xogħol mill-bogħod filwaqt li jieħdu ħsieb it-tfal u jagħmlu xogħol ta' indukrar bla ħlas; jilmenta dwar l-impatt partikolarment negattiv tal-kultura "dejjem disponibbli" fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-ħaddiema b'responsabbiltajiet ta' indukrar, li għandhom tendenza li jkunu nisa; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet pubbliċi u privati jiżguraw li t-telexogħol iqis l-ostakli għaż-żamma ta' bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jirrispetta d-dritt għall-iskonnessjoni, u jadottaw politiki favur il-familja; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri adegwati biex jiggarantixxu politiki ta' tolleranza żero għall-fastidju sesswali, liv tal-maternità aħjar, ferm iżjed liv tal-paternità, u liv tal-ġenituri mħallas u mhux trasferibbli li jippermettu lin-nisa u l-irġiel jieħdu ħin frank biex jieħdu ħsieb lil uliedhom, u li jiġġieldu kontra n-norma li l-mara tkun il-ġenitur li tieħu pawża fil-karriera sabiex jingħeleb ostaklu enormi għan-nisa li javvanzaw fil-karrieri tagħhom filwaqt li jiġu żgurati ħinijiet tax-xogħol flessibbli, faċilitajiet tal-kura tat-tfal fuq il-post u telexogħol; iħeġġeġ lill-Istati Membri jittrasponu u jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata[1] u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm segwitu effettiv; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw bis-sħiħ il-kawżi u l-fatturi li jwasslu għal rata għolja fost in-nisa li jitilqu minn karrieri STEM, jifformulaw rakkomandazzjonijiet għal azzjoni biex jipprevjenu dan, jekk ikun meħtieġ, u jiżviluppaw mekkaniżmi u programmi li jinvolvu lin-nisa u l-bniet f'inizjattivi ta' edukazzjoni, taħriġ u impjieg u jadottaw politiki u miżuri adegwati għal dan il-għan; jenfasizza li l-COVID-19 qed tiftaħ kapitlu ġdid fid-dinja tax-xogħol, l-edukazzjoni, il-governanza u l-ħajja ta' kuljum u enfasizzat l-importanza partikolari tal-litteriżmu u l-ħiliet diġitali u l-ħtieġa għal kundizzjonijiet ġodda dwar it-telexogħol, li wrew distakk sinifikanti bejn il-ġeneri matul il-pandemija u l-lockdowns konsegwenti; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġi promoss il-bilanċ bejn il-ġeneri fis-settur diġitali meta wieħed iqis kif in-nies u l-kumpaniji jużaw l-ICT u teknoloġiji diġitali oħra biex jaħdmu

---

[1] Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

u jinteraġixxu fis-soċjetà diġitali l-ġdida;

19. Iqis li hija tal-akbar importanza li jkun hemm aktar mudelli eżemplari femminili u li jiżdied in-numru ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' tmexxija fis-settur STEM; jisħaq li l-perċentwal li qed jonqos ta' nisa f'pożizzjonijiet ogħla għandu effett negattiv fuq ir-reklutaġġ tan-nisa, li jkompli jnaqqas il-probabbiltà li n-nisa jinħatru f'pożizzjonijiet ogħla; jiddispjaċih għall-fatt li n-nisa huma sottorappreżentati f'pożizzjonijiet ta' tmexxija fil-karrieri STEM, u jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-proċess deċiżjonali fl-oqsma tan-negozju u tal-maniġment; jissottolinja li d-diversità tal-ġeneru fil-bordijiet u f'pożizzjonijiet deċiżjonali ttejjeb il-prestazzjoni tan-negozji b'riżultat ta' spettru usa' ta' għarfien, attitudnijiet u esperjenza; jiddeplora l-eżistenza kemm tas-segregazzjoni orizzontali kif ukoll vertikali tal-ġeneri fil-ġerarkiji tal-universitajiet u l-iskejjel fl-Ewropa; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li n-nisa huma partikolarment sottorappreżentati fl-ogħla pożizzjonijiet akkademiċi u f'dawk tal-proċess deċiżjonali fl-istituzzjonijiet akkademiċi u fl-universitajiet u dan jindika l-eżistenza ta' saqaf tal-ħġieġ, jiġifieri ostakli inviżibbli ta' preġudizzju li jipprevjenu lin-nisa milli jilħqu pożizzjonijiet ta' responsabbiltà; iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri jadottaw id-Direttiva proposta dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet u jistabbilixxu miri għall-bilanċ bejn il-ġeneri fil-korpi deċiżjonali;

20. Jiddispjaċih għall-fatt li d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għadha realtà u hija saħansitra aktar evidenti fis-setturi ddominati mill-irġiel, bħall-ICT u l-kumpaniji teknoloġiċi[1]; jistieden lill-atturi kollha jipprattikaw it-trasparenza fil-pagi; iħeġġeġ lill-Kunsill jiżblokka d-direttiva proposta dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, li għandha l-għan li testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni permezz ta' approċċ orizzontali;

21. Jistieden lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jindirizzaw id-diskriminazzjoni fil-prattiki ta' reklutaġġ tagħhom u jintroduċu kwoti biex jippromwovu l-inklużjoni tan-nisa, speċjalment nisa minn kuntesti razzjali u etniċi differenti, nisa b'diżabilità u persuni LGBTI+;

22. Jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' djalogu inklużiv mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-kumpaniji privati, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-ordnijiet u l-istituti professjonali, l-istituzzjonijiet statali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, dawk li jfasslu l-politika u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili sabiex jikkoordinaw u jindirizzaw il-konnessjonijiet neqsin biex jippromwovu n-nisa fl-iSTEM; jisħaq li fid-dawl tal-importanza assoluta tal-ġlieda kontra l-istereotipi kulturali u soċjali kontra l-kapaċitajiet u r-rwoli tan-nisa fis-settur STEM, għandhom jiġu adottati miżuri mmirati biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħal leġiżlazzjoni dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri jew politiki bħal inċentivi finanzjarji jew miżuri oħra sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-bniet fl-edukazzjoni u l-karrieri STEM; jitlob li jiġu pprovduti inċentivi lill-kumpaniji li jappoġġjaw mudelli eżemplari femminili, programmi ta' mentoraġġ u perkorsi tal-karriera, u li tiżdied il-viżibbiltà tan-nisa; jirrikonoxxi r-rwol essenzjali li għandhom ċerti CEOs u persuni maniġerjali superjuri biex jeliminaw id-differenza diġitali bejn il-ġeneri billi jiżviluppaw politiki korporattivi

1 Lambrecht, A. u Tucker, C. E., "Algorithmic bias? An empirical study into apparent gender-based discrimination in the display of STEM career ads", *Management Science*, Vol. 65, No 7, 2019, p. 2970.

mmirati lejn il-ġlieda kontra l-istereotipi diġitali relatati mal-ġeneru, jippromwovu mudelli eżemplari, jimmotivaw lin-nisa biex jesploraw l-istudji STEM, jistimulaw it-taħriġ mill-ġdid jew it-titjib tal-ħiliet tan-nisa, jippromwovu skemi ta' mentoraġġ, u jtejbu l-immaġni tal-impjiegi tal-ICT; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jimpenjaw ruħhom mas-sħab kummerċjali fl-oqsma tal-ICT, tat-telekomunikazzjoni, tal-midja, u f'dawk diġitali, awdjoviżivi u teknoloġiċi kollha biex jippromwovu kultura u ambjent tax-xogħol inklużivi u bbilanċjati bejn il-ġeneri, inkluż billi jintroduċu miżuri bħal kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-setturi privati STEM u sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq tax-xogħol STEM għal studenti li għadhom kemm gradwaw, bil-promozzjoni ta' skemi ta' apprendistat u ta' internships għal bniet u nisa żgħażagħ biex tissaħħaħ it-tranżizzjoni tagħhom għas-suq tax-xogħol, permezz ta' tali inizjattivi bħal mentoraġġ u boroż ta' studju u sħubijiet pubbliċi-privati bejn sistemi tal-edukazzjoni, gvernijiet u kumpaniji li jaħdmu fil-qasam tat-teknoloġiji emerġenti, bħat-teknoloġiji 3D, l-IA, in-nanoteknoloġija, ir-robotika u t-terapija ġenetika, u jaqsmu l-informazzjoni u l-prattiki tajbin fl-Istati Membri kollha għal dan il-għan;

23. Jenfasizza r-relazzjoni bejn id-differenza bejn il-ġeneri u d-differenza bejn il-pensjonijiet; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, jindirizzaw u jnaqqsu dawn id-differenzi u jieħdu passi ulterjuri biex jiżguraw li n-nisa jkunu jistgħu jiksbu aċċess adegwat għall-edukazzjoni, l-opportunità li jiksbu indipendenza ekonomika u opportunitajiet ta' progress fil-karriera;

***Settur diġitali***

24. Jiddispjaċih għall-fatt li d-differenza bejn il-ġeneri teżisti fl-oqsma kollha tat-teknoloġija diġitali, iżda huwa partikolarment imħasseb dwar id-differenza bejn il-ġeneri fit-teknoloġiji innovattivi, bħall-oqsma tal-IA u taċ-ċibersigurtà, fejn il-preżenza femminili medja madwar id-dinja hija ta' 12 % u 20 % rispettivament[1]; jipproponi li għandhom jingħataw aktar attenzjoni u appoġġ liż-żoni skarsament popolati u b'mod partikolari lil żoni rurali, fejn din is-sitwazzjoni qed tiggrava;

25. Jisħaq li l-kwalità tas-settijiet ta' data użati hija ta' importanza kbira għall-prestazzjoni tat-teknoloġiji tal-IA, li l-IA ma tridx issaħħaħ l-inugwaljanzi u l-istereotipi tal-ġeneru billi tittrasforma l-preġudizzju mill-isfera analoga għal dik diġitali abbażi tal-algoritmi, u li l-IA tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, dment li jiġi żviluppat qafas legali xieraq u jiġu eliminati preġudizzji konxji u mhux konxji; jenfasizza li waħda mill-aktar dgħufijiet kritiċi tal-IA hija relatata ma' ċerti tipi ta' preġudizzji bħall-ġeneru, l-età, id-diżabilità, ir-reliġjon jew l-oriġini etnika, l-isfond soċjali jew l-orjentazzjoni sesswali bħala riżultat ta' forza tax-xogħol omoġena; jinnota li t-tipi intersezzjonali ta' diskriminazzjoni jħallu lin-nisa marġinalizzati mit-teknoloġiji emerġenti, bħan-nisa ta' kulur li huma esklużi minħabba żbalji fit-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm diversi timijiet ta' żviluppaturi u inġiniera li jaħdmu flimkien mal-atturi ewlenin tas-soċjetà biex jiġi

---

1 Sax, L. J., Kanny, M. A., Jacobs, J. A. *et al.*, "Understanding the Changing Dynamics of the Gender Gap in Undergraduate Engineering Majors: 1971-2011", *Research in Higher Education*, Vol. 57, No 5, 2016; Shade, L. R., "Missing in action: Gender in Canada's digital economy agenda" (Nieqsa fl-azzjoni: Il-ġeneru fl-aġenda tal-ekonomija diġitali tal-Kanada), *Signs: Journal of Women in Culture and Society*, Vol. 39, No 4, 2014, pp. 887-896.

evitat li l-preġudizzji bbażati fuq il-ġeneru u l-kultura jiġu inklużi fl-algoritmi, fis-sistemi u fl-applikazzjonijiet tal-IA minħabba nuqqas ta' attenzjoni; jappoġġja l-ħolqien ta' kurrikuli edukattivi u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni pubblika li jikkonċernaw l-impatt soċjetali, legali u etiku tal-IA; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri possibbli kollha biex jevitaw tali preġudizzji u jiżguraw il-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet fundamentali; jisħaq li l-infrastruttura ta' sorveljanza mill-bniedem trid tiġi żviluppata qabel ma jiġu introdotti teknoloġiji tal-IA f'setturi b'riskju għoli, b'mod partikolari s-saħħa, u trid tinkludi esperti dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

26. Jirrikonoxxi li l-IA, jekk tkun ħielsa minn preġudizzji sottostanti, tista' tkun għodda b'saħħitha biex jingħelbu l-inugwaljanzi u l-istereotipi tal-ġeneru permezz tal-iżvilupp ta' algoritmi imparzjali u etiċi mid-disinn li jikkontribwixxu għall-ekwità u l-benesseri ġenerali; jisħaq fuq l-importanza ta' approċċ komuni Ewropew fir-rigward tal-aspetti etiċi tal-IA; jisħaq, barra minn hekk, li l-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-IA jridu jirrispettaw il-valuri Ewropej, it-Trattati u l-liġijiet tal-UE, u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

27. Jitlob li l-IA u l-awtomatizzazzjoni jkunu soċjalment responsabbli u jitfasslu b'tali mod li jippermettulna negħlbu l-inugwaljanzi inkluża d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u nindirizzaw l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa bħax-xogħol ta' indukrar bla ħlas, id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, il-bullying ċibernetiku, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-fastidju sesswali, it-traffikar, il-ksur tad-drittijiet sesswali u riproduttivi, u s-sottorappreżentanza f'pożizzjonijiet ta' tmexxija; jitlob li l-IA u l-awtomatizzazzjoni jikkontribwixxu għat-tisħiħ tas-saħħa u l-prosperità ekonomika tan-nisa, l-ugwaljanza tal-opportunitajiet, id-drittijiet tal-ħaddiema u dawk soċjali, l-edukazzjoni ta' kwalità, il-protezzjoni tat-tfal, id-diversità kulturali u lingwistika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-litteriżmu diġitali, l-innovazzjoni u l-kreattività, inkluż l-aċċess għall-finanzi, l-edukazzjoni għolja u opportunitajiet ta' xogħol flessibbli; jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lil forom ġodda ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru bħall-fastidju ċibernetiku u s-cyberstalking[1] u jwettqu evalwazzjonijiet kontinwi u jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet b'mod aktar effettiv;

***Intraprenditorija u aċċess għall-finanzjament***

28. Jiddispjaċih għall-fatt li n-nisa huma sottorappreżentati f'negozji ġodda mmexxija mill-innovazzjoni u jenfasizza l-preġudizzji tal-ġeneru u l-iżvantaġġi sistemiċi li jeżistu fl-istrutturi soċjali, b'mod partikolari f'dawk li jinsabu fl-intersezzjoni tal-iSTEM u l-intraprenditorija; iqis li hija tal-akbar importanza li jkun hemm aktar mudelli eżemplari femminili u li jiżdied in-numru ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' tmexxija fis-settur STEM; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw politiki li jappoġġjaw u jisfruttaw il-potenzjal intraprenditorjali tan-nisa, li jibqgħu sors mhux sfruttat ta' tkabbir ekonomiku, innovazzjoni u ħolqien tal-impjiegi, jipprovdu aktar informazzjoni u informazzjoni aħjar dwar l-intraprenditorija bħala għażla ta' karriera attraenti, speċjalment għan-nisa żgħażagħ fl-iskola, u jimplimentaw politiki pubbliċi li jippromwovu l-intraprenditorija femminili; iqis li l-irkupru mill-COVID-19 jirrappreżenta opportunità sinifikanti biex l-intraprendituri nisa javvanzaw, biex ikunu jistgħu jibnu mill-ġdid l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna; jissottolinja li rkupru ġenwin

1 Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, *Violence against Women: an EU-wide survery* (Vjolenza kontra n-nisa: stħarriġ madwar l-UE kollha), 2014, p. 87.

mill-COVID-19 se jkun suċċess biss jekk tinkiseb Ewropa aktar ekoloġika, aktar ġusta u aktar ugwali mil-lat tal-ġeneri u tiġi żgurata l-integrazzjoni adegwata tal-perspettiva tal-ġeneri tal-fondi ta' rkupru tal-UE, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li n-nisa jgawdu l-benefiċċji sħaħ f'termini ta' impjiegi u intraprenditorija f'setturi fejn tradizzjonalment kienu u għadhom sottorappreżentati b'mod sinifikanti, inklużi s-settur diġitali u dawk tal-IA, l-ICT u l-iSTEM;

29. Iqis li s-sottorappreżentanza tan-nisa inkarigati minn deċiżjonijiet ta' investiment fid-ditti ta' kapital ta' riskju tikkostitwixxi sors ewlieni tad-diskrepanza persistenti fil-finanzjament għan-negozji l-ġodda u l-intrapriżi mmexxija min-nisa;

30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-opportunitajiet ta' finanzjament għal self u finanzjament mill-bejgħ ta' ishma għall-imprendituri nisa li jibdew negozji ġodda u għall-innovaturi nisa permezz ta' fondi u programmi tal-UE, jiffaċilitaw l-aċċess tan-nisa għall-fondi eżistenti, joħolqu fondi speċjali u jfittxu modi ġodda u innovattivi biex jappoġġjaw finanzjarjament lin-nisa u jgħinuhom jegħlbu l-ostakli li jiffaċċjaw; jitlob li l-Bank Ewropew tal-Investiment jiġi inkluż ukoll fir-rigward tal-aċċess għall-mikrofinanzjament; jirrikonoxxi l-ħtieġa għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni dwar il-possibbiltajiet ta' finanzjament tal-UE biex jiġi pprovdut appoġġ imfassal apposta għal sidien ta' negozji nisa u intraprendituri nisa; jitlob li n-Network Ewropew tal-Investituri Informali u n-Network Ewropew ta' Mentors għall-Imprendituri Nisa jiġu estiżi aktar, inkluż billi jiġu promossi laqgħat ta' innovaturi nisa, professjonisti tat-teknoloġija u investituri biex jistimulaw u jagħtu spinta lill-innovazzjoni u l-finanzjament għal impriżi mmexxija min-nisa;

31. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-Premju tal-UE għall-Innovaturi Nisa, li jingħata kull sena lil nisa Ewropej li jkunu waqqfu kumpanija ta' suċċess u li jkunu ġabu innovazzjoni fis-suq; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsibu modi addizzjonali biex iħeġġu lil aktar nisa jibdew il-kumpaniji tagħhom stess u jagħtu ġieħ lill-mexxejja nisa ta' ispirazzjoni fil-qasam tal-innovazzjoni;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw id-Dikjarazzjoni ta' Impenn dwar in-Nisa fid-Dinja Diġitali adottata f'April 2019 u jiżviluppaw azzjonijiet konkreti biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-settur STEM, inkluż il-ħolqien ta' Jum Ewropew tal-Bniet fl-ICT u l-iSTEM; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tirrapporta dwar l-isforzi u l-azzjonijiet tal-Istati Membri u tiżgura l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba;

o

o o

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.